# Il-Ħuġġieġa

Webbsitu il-kesħa,
bidlitu f'katavru,
waqqfitlu il-ġiri ta' demmu fil-vini.
U d-dalma ta' lejla bla qamar
għemitu,
u ħbietlu il-ġmiel ta' madwaru.
Ġo qalbu bdiet tnin
ix-xewqa tal-ħajja.

Bħal xafra li żżarrat liżar,
il-fjamma li nibtet quddiemu
u kibret f'ħuġġieġa.
ċarrtitha lid-dalma.
nifditha,
rebħitha,

u wrietu il-ġmiel ta' dinjietu;
għelbitha lill-kesħa,
saħħnitu.
ħarrkitlu d-demm wieqaf fil-vini —
u qalbu bdiet tkanta il-għanja
tal-ħajja.